"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 03/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2009 fis-2.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 02/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/03 -* Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Birżebbuġa Sports Foundation sabiex ikunu jistgħu jaġġornawh bil-pjanijiet u x-xogħol li sar fir-rigward tal-proġett għal faċilita' sportiva f'Birżebbuġa. Il-Kamra laqgħet l-istedina u sejra tagħmel appuntament sabiex tiltaqa' magħhom.

*02/03 -* Il-Kamra ġiet innotifikata permezz ta' Memo 12/2009 bil-fond li l-Gvern alloka bħala ko-finanzjament lill-Kunsilli Lokali għall-proġetti taħt wieħed mill-Programmi tal-Unjoni Ewropea. Dan il-finanzjament ikopri 10% mill-15% li l-Kunsill ikun irid joħroġ. Il-Kamra qablet li dan il-ko-finanzjament kien hemm bżonnu sabiex jinċentiva l-Kunsilli Lokali japplikaw għall-proġetti ffinanzjati mill-EU. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kamra wkoll dwar proġett li bħalissa qed jaħdem fuqu sabiex jiġi ffinanzjat mill-EU. Dan il-proġett jinkludi li wieħed mill-ġonna tal-lokal, 'Ġnien Il-Kunsill Lokali' jiġi mixgħul 100% minn enerġija solari. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva.

*03/03 -* Il-Forum Żgħażagħ Laburisti Birżebbuġa ippropona sabiex il-ħames Festi Nazzjonali jibdew jingħataw l-importanza u l-ġieħ mistħoqq fuq bażi lokali Kulħadd qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku ippropona li jiġi mħejji programm għal dawn il-Festi u li B.Pace għandha tkun il-persuna nkarigata minn dawn l-attivitajiet peress li hija ċ-*Chairperson* fi ħdan il-Kunsill għall-attivitajiet kulturali.

*04/03 -* Residenti minn Triq Il-Qoton talbu lill-Kunsill sabiex jagħmel *crash barrier* f'din l-istess triq. Il-Kunsill innota din it-talba.

*05/03 -* Resident minn Birżebbuġa ressaq talba għal ħlas ta' spejjeż li jammontaw għal €283.80 li huwa għamel minħabba ħofra li kien hemm fi Triq San Patrizju. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

*06/03 -* Il-Kumpanija Fomeco Ltd. bagħtet kwotazzjoni ta' kiri ta' *surveillance camera* biex tinforma l-Kunsill dwar il-prodott li toffri. J.Farrugia qal li tkun xi ħaġa tajba jekk isiru *cameras* f'ċertu postijiet. R.Zahra issuġġerixxa li nġibu kwotazzjonijiet biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel deċiżjoni fuq ix-xiri ta' *cameras* għal postijiet partikulari. Kulħadd qabel.

*07/03 -* Tressqet talba mingħand MJS Holdings Co. Ltd. biex jingħata l-kunsens tal-Kunsill biex topera *bumping cars* ġewwa sit f'Birżebbuġa. Il-Kumpanija sejra wkoll titlob permess mingħand il-MEPA u d-Dipartiment ta' l-Artijiet wara li tkun ġabet in-*No Objection* tal-Kunsill. Il-Kamra qablet li tagħti n-*No Objection* suġġett għal ċertu regolamenti biex jintramaw il-*bumping cars*.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Il-Kamra għaddiet biex tiddiskuti l-offerti pubbliċi.

(a) Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi - Avviż Nru. 01/09

| | | |
|---|---|---|
| Offerta 1 | Is-Sur Gordon Ellul | € 44491.03 |
| Offerta 2 | Is-Sur Silvio Camilleri | € 30048.00 |
| Offerta 3 | Is-Sur Silvio Mifsud | €12950.00 |
| Offerta 4 | Environmental Landscapes Consortium (A) | €14500.00 (B) €13200.00 |
| Offerta 5 | Raymond Mifsud | €29556.00 |

Wara diskussjoni fuq il-ħames offerti u fuq l-esperjenza li l-Kunsill kellu bil-Kuntrattur ta' qabel, il-Kamra ddeċidiet li tagħżel offerta Nru. 4 Option (A) ta' l-Environmental Landscapes Consortium għas-somma ta' €14500.00

(b) Servizz ta' Tindif ta' Toroq - Avviż Nru. 02/09

| | | |
|---|---|---|
| Offerta 1 | Ms. Mary Mazzitelli | €23000 |
| Offerta 2 | Is-Sur Joseph Farrugia | €33785 |
| Offerta 3 | Is-Sur Karl De Flavia | €33780 |
| Offerta 4 | Cleansing Services Department | €69122 |
| Offerta 5 | Is-Sur Gordon Ellul | €57651 |
| Offerta 6 | New Era Waste Services | €24500 |
| Offerta 7 | Is-Sur Paul Cutajar | €41900 |
| Offerta 8 | Is-Sur Saviour Mifsud | €32704 |
| Offerta 9 | Is-Sur Ronald Bezzina | €39250 |

Wara diskussjoni fuq id-disa' offerti l-Kamra ddeċidiet li tikkuntattja lill-Kuntrattur 1 - Ms. Mary Mazzitelli sabiex tiċċara ċerti punti. Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit sabiex jiġi kkuntattjat (Kuntrattur 1). Wara diversi tentattivi l-Kuntrattur ma setax jiġi milħuq. Il-Kamra ħadet id-deċiżjoni li tibqa' tipprova taqbad lil dan il-Kuntrattur sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 20 ta' Marzu 2009 u jekk dan ma jintlaħaqx biex jiċċara ċertu punti l-Kamra tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 6 - New Era Waste Services, biex jieħu din l-offerta. Jekk Kuntrattur 1 jintlaħaq u joffri l-istess makkinarju ta' Kuntrattur 6 allura jintgħażel Kuntrattur 1.

(c) Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi - Avviż Nru. 03/09

| | | Option A | Option B | Option C | Option D |
|---|---|---|---|---|---|
| Offerta 1 | Is-Sur John Mallia | € 3495.00 | €15415.00 | | |
| Offerta 2 | Is-Sur Angelo Desira | €20500.00 | € 44500.00 | | |
| Offerta 3 | Is-Gordon Ellul | €13976.24 | €50864.19 | | |
| Offerta 4 | Is-Sur Karl De Flavia | € 9200.00 | €23999.00 | | |
| Offerta 5 | Cleansing Services Department | €24956.00 | €76908.00 | | |
| Offerta 6 | Is-Sur Ronald Bezzina | € 8500.00 | €12850.00 | | |
| Offerta 7 | Is-Sur Saviour Mifsud | € 9993.00 | € 40996.00 | €17470.00 | €20964.00 |
| Offerta 8 | Is-Sur Paul Cutajar | € 8339.00 | €11600.00 | | |
| Offerta 9 | Is-Sur Terence Farrugia | €17500.00 | €22000.00 | | |
| Offerta 10 | Is-Sur Roderick Baldacchino | €15844.00 | €29425.00 | | |
| Offerta 11 | Is-Sur Joseph Callus | €25900.00 | N/A | | |

J.Baldacchino iddikjara konflitt ta' interess u ħareġ mill-Kamra waqt id-diskussjoni ta' din l-offerta. Saret diskussjoni fuq l-offerti kollha u l-Kamra ddeċidiet li tagħżel Offerta Nru. 6 Option B tas-Sur Ronald Bezzina biex ikun il-Kuntrattur għal tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi għas-somma ta' €12850.00.

***AĠENDA -4***

Is-Sindku spjega kif fil-11 ta' Marzu 2009 irċieva Ordni maħruġa mill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex il-Kunsill ineħħi kostruzzjoni ta' pont fil-Bajja s-Sabiħa li kien approvat unanimament li jsir mill-Kamra f'Aġenda 6 Punt 5 tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Nru. 01/09. Is-Sindku spjega wkoll li wara li rċieva din l-ordni mar jieħu parir legali il-qorti u li sar ftehim bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Artijiet, permezz ta' intermedjarju, li l-Kunsill kellu iżarma fi żmien ġimgħa dan il-pont. Dan kollu ġie kkonfermat permezz ta' e-mail indirizzata lis-Sur Paul Miruzzi - Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Kamra ġiet innotifikata wkoll li issa l-Kunsill daħħal l-applikazzjoni l-MEPA u fid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun konformi mal-liġi. Kulħadd qabel li l-pont huwa bżonnjuż ħafna u li għandu jsir minn kollox biex dan il-pont ma jitneħħiex.

***AĠENDA -5***

Il-Kamra approvat biex kemm is-Segretarju Eżekuttiv u ż-żewġ Skrivani jiġu allokati bil-*full performance bonus* skond kif stipulat fil-liġi. Is-Segretarju għan-nom tiegħu u ta' l-iskrivani irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha b'dan il-ġest.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xhur ta' Frar '09 u Marzu '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġew approvati biex is-somom ta' €34512.30 u €46529.76 jitħallsu rispettivament skond l-iskedi Nru. 02/09 u 03/09.

***AĠENDA -7***

1. Is-Sindku innotifika l-Kamra li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser isir *re-shuffle* tal-karigi ta' xi Kunsillieri.

2. Il-Kamra ġiet infurmata li l-Kunsill flimkien ma' Birżebbuġa Environment Action Group ser jappellaw għad-deċiżjoni li ħadet il-MEPA fir-rigward ta' PA 7189/07 (Upgrading of vessel maneuvering area including dredging of fairway and construction of slope protection berm to retain Pretty Bay sand, site at Terminal 1, Malta Freeport). Il-Kamra approvat l-ispiża ta' €582.34 għal dan l-appell.

3. J.Baldacchino għall-attivita' ta' 'Jum L-Omm' li ser issir il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2009 talab *budget* ta' €500. Il-Kamra qablet.

4. R.Zahra staqsa jekk il-Kunsill kienx oġġezzjona għall-applikazzjoni li rċeviet il-MEPA fir-rigward twessigħ ta' bankina fi Triq San Edwardu kantuniera mal-Bajja s-Sabiħa. Ser jiġi ivverifikat.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 22 ta' April 2009 fis-2.00pm. .
.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |